GĦASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/20*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 20 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar l-Erbgħa, 23 ta' Diċembru 2009 fis-6.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :
Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina

Is-Sur Joseph Farrugia ma attendiex għal din il-laqgħa għax kien marid.

## I. Talba
Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

## II. Minuti
### 1. Approvazzjoni
Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 19. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

### 2. Emendi
Għal dawn il-minuti ma tressqux proposti għal emendi. Għalhekk dawn ġew meħuda bħala korretti kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

## III. Materji mill-Minuti
### 1. Proġett ta' Rikostruzzjoni tal-Pjazza
Fil-bidu ta' dan ix-xahar ngħatat l-aħħar kisja bit-tarmak kemm fil-pjazza u wkoll fi Triq Dun Karm Caruana.
Is-Sindku qal illi hu kien il-ħin kollu attent għax-xogħol li sar u li kien għad fadal isir. Tant hu hekk li l-għada li sar it-tarmak, hu nduna b'xi difetti li tfaċċaw fl-aħħar kisja. Għalhekk hu mal-ewwel informa lill-kuntrattur u dan minn naħa tiegħu aċċetta li kien hemm xi difetti fit-tarmak.
Il-kuntrattur issuġġerixxa li t-triq tibqa' hekk għalissa u peress illi se jkun qed isir xogħol ta' twessigħ fi Triq Ta' Pinu u għalhekk l-pjazza u Triq Dun Karm Caruana kienet se tintuża ħafna, hu ssuġġixxa li għalissa ma jintmess xejn mit-tarmak li sar u

mbagħad hekk kif titlesta Triq Ta' Pinu naraw xi jkun żviluppa fit-tarmak li ngħata riċenti hawn fl-Għasri.
Rigward il-bankini, s-Sindku avża lill-kuntrattur biex l-ewwel isiru quddiem ir-residenzi u mbagħad wara il-vaganzi tal-Milied jerġa jitkompla x-xogħol. Hawnhekk is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-Kunsill irċieva għotja ta' €15,000 mingħand is-Segret. Parl. għad-Djalogu Pubbliku u Konsultazzjoni l-Onor. Dr Chris Said bħala għajnuna ħalli tissebbaħ il-pjazza u dan wara applikazzjoni li s-Sindku personalment kien ressaq għal dan ix-xogħol. Dr Said kien ukoll stieden lis-Sindku biex jippjana ħalli l-bankina ta' quddiem il-Knisja ssir bil-porfido. Is-Sindku qal li nistgħu nagħmlu r-roundabout ukoll bil-porfido u b'hekk il-pjazza tingħata dehra ħafna isbaħ.
Fit-tfassil ta' dan ix-xogħol, nistgħu naraw jekk hux possibbli li l-lapida li hemm fir-roundabout titneħħa minn hemm u titqiegħed f'post aktar adattat u bħala suġġeriment post tajjeb jista' jintgħażel li titqiegħed quddiem il-Kunsill. Din il-proposta se titħalla għal deċiżjoni aktar 'l quddiem u mbagħad jintlaqgħu suġġerimenti fuq hekk.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill ukoll li rigward id-dwal, il-Ministru għal Għawdex kienet issuġġeriet li l-pjazza tkun mixgħula b'lampi solari. B'hekk il-pjazza tagħna tkun waħda mill-pjazez t'Għawdex mixgħula b'lampi b'enerġija solari hekk kif diskuss waqt laqgħa li nżammet mas-Sindki Għawdxin fejn kien ippreżentat il-proġett Eko-Għawdex.
Għalhekk il-Kunsill għandu jibgħat risposta li jaqbel ma' dan is-suġġeriment.

**2. Żjara ta' Studenti minn Ottenschlag**

Tul dawn l-aħħar ġimgħat, il-Kunsill kien qed jaħdem bi sħiħ flimkien mas-Sinjura Gudrun Moggach biex jinġab grupp ta' studenti minn Ottenschlag fejn dawn joqgħodu għal ġimgħa biex jistudjaw l-Ingliż. Fil-fatt il-preparamenti kollha kienu tlestew u dawn kienu jinkludu t-trasport, il-lukanda u l-programm tat-tagħlim kif ukoll dawk il-formoli neċessarji ħalli huma japplikaw għal fondi mill-EU.
Ġara iżda li finalment l-għalliema ta' dawn l-istudenti ddeċidew li minflok f'Għawdex, huma jmorru f'post ġewwa Malta u mbagħad jiġu għal ġurnata Għawdex.

**3. Attivitajiet tal-Milied**

Kif kien deċiż fl-aħħar laqgha tal-Kunsill, l-attivita tal-Milied għal kulħadd se tinżamm nhar il-Ħadd 28 ta' Diċembru filwaqt li għall-anzjani se tinżamm l-istess serata nhar it-Tlieta 30 ta' Diċembru fejn waqt din l-attivita se jkun servut xi ikel għal dawk preżenti u jitqassmu wkoll rigali għall-anzjani.
L-attivita tat-tfal se tinżamm nhar it-Tnejn 29 ta' Diċembru fejn se jitqassam xi ikel u jinġabu żewġ animisti li jtellgħu logħob u anke attivitajiet oħra għat-tfal kif ukoll se jkun hemm Father Christmas.

**IV. Korrispondenza**

i. Applikazzjoni għal permess tal-bini u sanzjonar fi Triq Wied Sara
ii. Memo 85/2009 qed tinforma li kull Kunsillier ser ikun provdut bil-posta elettronika personali fuq l-e mail account tal-gov.
iii. GreenPak se żżomm laqgħa għall-Kunsilli Lokali nhar il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru 2009 fil-Lukanda Kempinski.
iv. Ittra mill-AKL biex ma jsirux ħlasijiet għall-kontijiet li qed tibgħat il-MITA fuq l-*e mail accounts* tal-Kunsillieri.
v. Dr Chris Said bagħat jinforma li f'April li ġej se ssir konferenza flimkien mal-Kunsill Lokali Pembroke fejn il-Kunsilli kollha se jkunu mistiedna.

vi. L-AKL qed tistieden lill-Kunsilli Lokali jinnominaw żgħażagħ għall-parteċipazzjoni fil-Youth in Action. Mill-Għasri kienu nominati żewġ żgħażagħ.
vii. Stedina mill-Onor. Dr Chris Said biex il-membri tal-Kunsill jattendu għal-laqgħa li se tinżamm mis-Segretarjat tiegħu fil-Lukanda Kempinski.
viii. Ittra mill-MEPA fejn qed tinforma lill-Kunsilli li l-ebda kuntratt ma għandu jingħata lil xi kuntrattur jekk ma jkollux il-permessi meħtieġa.
ix. *E-mail* mid-Direttur Gvern Lokali fejn qed titlob li l-vetturi ndikati f'kuntratt ta' ġbir ta' skart, iridu jkunu *RCV (Refuse Collection Vehicle).*

**V. Mozzjonijiet**

**1. Deċiżjoni fuq il-Kuntratti tat-Tindif fil-Lokalita**

Fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, kienet ittieħdet deċiżjoni li għalissa jkun aċċettat kuntratt wieħed mill-erbgħa mitfuha, u li kienet għall-Għoti ta' Servizzi lill-Kunsill.

Fuq it-tliet kuntratti l-oħra, l-Kunsill kien iddeċieda li qabel ma tittieħed deċiżjoni finali ta' għażla, wieħed mill-offerenti għal-imsemmija tlett kuntratti Bugeja Bros. għandu jintalab jipproduċi dawk il-permessi neċessarji kif mitluba mill-awtoritajiet li jieħdu ħsieb it-tmexxija tal-iskart fil-pajjiż, u li dawn huma l-MEPA u l-WasteServ Malta Ltd. Il-Kunsill innota illi l-offerent l-ieħor għaż-żewġ kuntratti tal-Bulky Refuse u l-ieħor ta' Street Sweeping kien hemez il-permessi neċessarji mad-dokumenti tal-offerti tiegħu.

Fil-każ tal-offerta tal-Public Toilets, il-Kunsill kien iddeċieda li naraw jekk il-kundizzjoni li kien daħħal Bugeja Bros. fid-dokumenti tiegħu setgħux isiru.

Fil-laqgħa tal-lum, kien innotat li Bugeja Bros. fil-fatt kienet intbagħtitlu ittra fil-10/12/09 fejn kien intalab jippreżenta fi żmien sebat ijiem dawk il-permessi li jkopru x-xogħol li hu għamel l-offerta fuqhom.

Għal din l-ittra tal-Kunsill, Bugeja Bros kienu rrispondew permezz ta' l-Avukat tagħhom fil-16/12/09 fejn qalu li dawn il-permessi ma kienux mitluba oriġinarjament.

Ittra oħra mill-Kunsill intbagħtet fil-17/12/2009 fejn kien imfisser li r-rikjesta tal-permessi kienet imdahhla fid-dokumenti tal-offerti u dan skond ir-regolamenti.

Fil-laqgħa tal-lum il-Kunsill innota li Bugeja Bros. għalkemm mitluba jippreżentaw il-permessi meħtieġa, dawn kienu għadhom ma twasslux lill-Kunsill għalkemm għaddew sitt ijiem aktar mis-sebat ijiem li dan il-kuntrattur kien ingħata biex jippreżenta d-dokumenti meħtieġa.

Kien innotat ukoll li s-Segretarju tal-Kunsill kien filgħodu fil-ġurnata ta' din il-laqgħa tal-Kunsill, ikkuntattja lis-Sur Mario Bugeja u staqsieh għall-permessi. Is-Sur Bugeja minn naħa tiegħu qal li dawn għad ma humiex f'idejh u li qegħdin fil-posta.

Il-Kunsill għalhekk iddeċieda illi peress li għalkemm mitlub diversi drabi, s-Sur Bugeja baqa' ma ppreżentax il-permessi meħtieġa u dan għalkemm kien ingħata żmien biżżejjed u aktar, u peress illi l-kuntratti għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2010, kellha għalhekk tittieħed deċiżjoni finali li dawn il-kuntratti jingħataw lill-offerent l-ieħor u li hu Godfrey Borg.

Rigward il-kuntratt tal-Public Toilets, il-Kunsill iddeċieda li ma jintgħażilx dak ta' Bugeja Bros. peress li mal-prezz ikkwotat hu daħħal kundizzjoni l l-Kunsill ma jistax jaċċetta u li ma kienitx intalbet.

Għalhekk dan il-kuntratt għandu jingħata lil Marija Attard li kienet l-istess persuna li ħadmet l-istess kuntratt għas-snin ta' qabel.

**VI Materji Ohra**

**1. Suġġerimenti għal Eko-Għawdex**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kien attenda għal-laqgħa li nżammet mill-Ministeru għal Għawdex fejn ingħata tagħrif dwar din il-proposta fejn l-għanijiet huma li Għawdex sas-sena 2020, isir gżira ekoloġika.

Fil-laqgħa li nżammet fil-Ministeru għal Għawdex, is-Sindku qal li ngħata tagħrif dwar din il-proposta kif inhi mfissra fil-web-site u li din saret biex tkun miftuħa għal kulħadd fejn kien qed jingħata kull tagħrif fuq l-istess proposta.

Is-Sindku talab li kull Kunsillier jingħata kopja tal-proposta bil-malti kif inhi fuq il-web-site, u kull Kunsillier wara li jkun ra x'qed ikun imfassal għal Eko-Għawdex, hu mistieden illi sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss jippreżenta xi suġġerimenti li dawn mbagħad jitgħaddew lill-Ministeru għal Għawdex biex ikunu mdaħħla fit-tfassil tal-proġett finali.

**2. Għotja għal Proġetti Speċjali**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni bagħat jinforma lil dan il-Kunsill li hu kien approva l-għotja ta' €15000 biex tissebbaħ il-pjazza tal-lokal. Din l-għotja qed tintuża fil-preżent għax-xogħol li qed isir mill-Kunsill fil-pjazza.

**3. Kompjuters Rikondizzjonati**

Il-Malta Communications Authority qed tistieden lill-Kunsilli Lokali japplikaw ħalli jingħataw kompjuters rikondizzjonati. Dan il-Kunsill applika għal ħames kompjuters.

**4. Hidma biex tinqered is-Susa tat-Tadam**

Is-Sur Emanuel Mintoff issuġġerixxa li l-Kunsill jara hux possibbli li jitwaħħlu f'diversi postijiet fit-toroq, numru ta' konteurituri b'mediċina li teqred is-susa li qed tikkawża ħafna ħsarat fit-tadam meta din il-frotta tkun għadha fix-xtieli fl-egħlieqi u b'hekk dan il-proġett ikun ta' għajnuna kbira għall-bdiewa.

**5. Dawl Solari fuq in-Niċċa tal-Lunzjata**

Is-Sur Emanuel Mintoff qal li kien tressaq suġġeriment lilu biex in-Niċċa tal-Lunzjata tistax tkun mixgħula minn lampa li taħdem bl-enerġija solari.

Fuq dan is-suġġeriment għandna naraw jekk hux possibbli li ssir il-lampa kif imsemmija.

**6. Tiswija fit-Toroq**

Il-Kunsill qabel li għandha tinbeda t-tiswija fit-toroq u dan isir bil-cold mix. L-aktar triq li għandha bzonn ta' tiswija hi dik ta' Triq il-Fanal fejn ghad ma hemmx tarmac u dan mbagħad jiqa' isir fit-toroq l-oħra.

**7. Sena Finanzjarja**

Memo 78/2009 qed jinforma li s-Sena Finanzjarja issa se tkun għal sena kalendarja sħiħa u jiġifieri mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena.

Għalhekk għandhom ikunu assigurati li r-rapporti jintbagħtu fil-ħin kif stabbilit mill-istess Memo.

**8. Allokazzjoni Finanzjarja**

L-allokazzjoni finanzjarja għal dan il-Kunsill Lokali għas-sena kalendarja 2010 se tkun tammonta għal 156,661 euro.

Din is-somma tinkludi l-ammont li jrid jitħallas għat-*tipping fees* għar-rimi ta' skart imħallat. L-ammont li jitħallas għal skart mormi, qed jiġi mgħoddi lill-Kunsilli skont in-numru ta' residenzi fil-lokalita rispettiva.

Fl-istess waqt, l-ammont allokat għall-manutenzjoni tat-toroq, li jinkludi wkoll it-tindif tat-toroq, irid bilfors jintuża għal dan l-iskop jekk ma jkunx hemm l-awtorizżazzjoni bil-miktub tad-dipartiment biex dawn il-flus jintużaw għal skopijiet oħra wara li titressaq talba ġustifikata min-naħa tal-Kunsill.

**VII. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Hamis, 21 ta' Jannar 2010 fis-6.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.00p.m.

Andrew Vella
Sindku

Joe Camilleri
Segretarju Ezekuttiv

Data : _________________